MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Rikors Numru. 220/2008

**Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili**

**vs**

**British Jet Limited (C 25698)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta` British Jet Limited.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali ta` l-Avjazzjoni Civili.

Rat id-dokumenti kollha esibiti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat illi dan ir-rikors sar biex jithassar mandat ta` sekwestru kawtelatorju u dan a tenur tal-Art. 836 (1)(a)(b)(c)(d) u (f) tal-Kap. 12.

L-ewwel raguni li qed taghti s-socjeta` rikorrenti hija li l-isem tas-socjeta` huwa Britishjet Company Limited u mhux British Jet Company Limited.  Il-Qorti ma nghatat ebda prova, la dokumentarja u lanqas xort'ohra, biex tigi sopportata din ir-raguni, u ghalhekk il-Qorti ser tiskartha minnufih.

It-tieni raguni li gabet is-socjeta` rikorrenti hija li l-istess socjeta` la hi operatur u lanqas sid tal-ingenji tal-ajru skond ma jesigi l-Avviz Legali 60 tas-sena 2005.

Dan l-avviz legali li jimenda r-regolament tal-1997 jimponi l-hlas ghal kull passiggier, liema hlas isir lid-Direttur tal-Avjazzjoni Civili.  L-Artikolu 3 tar-regolamenti tal-1997 jimponu l-hlas fuq is-sid jew operatur – *"aircraft owner or the aircraft operator"*.  British Jet tikkontendi li la hija sid ta` ajruplan u lanqas operatur.  Dan il-fatt huwa pruvat mill-korrispondenza mibghuta mid-Direttur ta` l-Avjazzjoni Civili, liema korrispondenza tinsab a fol. 7 tal-process, fejn l-istess Direttur jikkonferma li British Jet m`hijiex *"air operator"*.

F`dan il-kuntest id-direttur ta` l-Avjazzjoni Civili fir-risposta tieghu jintroduci l-kuncett ta` *"marketing operator"*.  Il-Qorti hi tal-fehma li dan huwa kuncett estranju ghar-regolamenti li tahthom qed jopera l-istess direttur biex jigbor il-hlas.  Kif intqal aktar 'il fuq, ir-regolamenti jimponu l-hlas fuq *"aircraft owner"* jew *"aircraft operator"*.  Ma ngiebet ebda raguni lil din il-Qorti ghalfejn *"marketing operator"* ghandu jitqies bhala *"aircraft operator"* ghall-iskopijiet tar-regolamenti.

Id-Direttur ta` l-Avjazzjoni Civili jikkontendi illi kienet l-istess kumpanija rikorrenti odjerna li gie li ghamlet il-hlasijiet meta kienet ghadha jisimha European Air Bargains Limited.  Gew esibiti ricevuti li juru dan.  Dawn wahedhom, fil-fehma tal-Qorti, ma jistghux iwasslu ghal konkluzzjoni li British Jet hija dovuta thallas.  Il-fatt li gie li

hallset ma jistax jigu mehud bhala li assumiet permanentement u inekwivokabilment obbligi li setghu ma kienux taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tiddikjara a tenur tal-Art. 836(f) m`huwiex ragonevoli jew gustifikabbli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju 293/08 u ghandu jithassar.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------